MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 957/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Shawn Bonello**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Shawn Bonello ta’ 27 sena, imwieled Pieta nhar is-16 ta’ Lulju 1978, iben Joseph u Emanuela nee’ Maurin, u joqghod Nru 35, Triq Falzon Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita 344478(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1) Fis-7 ta’ Awissu 2004 ghall-habta tas-1.40 a.m., waqt li kien ghaddej bil-vettura ta’ l-ghamla Renauld bin-numru ta’ registrazzjoni CAD-301 f’dawn il-gzejjer u cioe’ fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq fl-inhawi tas-Salini, b’nuqqas ta’

hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Chiarlo Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita 247079 (M) u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Marouska Cesare, detentrici tal-karta ta' l-identita 233786 (M) hekk kif iccertifika Dr Stephen Muscat Reg. No. 1455 ta' l-isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn u dan ai termini ta' l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq vettura ta' l-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni DBE-857 ghad-detriment ta' Peter Paul Degiorgio, detentur tal-karta ta' l-identita 302476(M) u mutur ta' l-ghamla Honda CB 400 bin-numru tar-registrazzjoni FAL-324 , propjeta ta' James Callus, detentur tal-karta ta' l-identita 42733(M) u li minhabba f'hekk grat il-mewt ta' Chiarlo Spiteri detentur tal-karta ta' l-identita 247079(M) u ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Maruoska Cesare detentrici tal-karta ta' l-identita 233786(M) u dan ai termini ta' l-Artikoli 328 (a), 328 (b) u 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz u dan ai termini ta' l-Artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Prosekuzzjoni jitlob li jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan kollha ghal perjodu li l-Qorti jidrilha hu xieraq.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Ottubru, 2005 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Frar, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fis-7 ta’ Awwissu 2004 ghall-habta ta’ 1.40am, fl-inhawi tas-Salini, fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq fejn tilef hajtu Charlo’ Spiteri u fejn weggghat gravament Marouska Cesare. Mill-provi rrizulta li f’dan l-incident kienu nvoluti zewg vetturi u mutur, u cioe’ il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAD 301 li kienet misjuqa mill-imputat Shaun Bonello, l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBE 857 li kienet msijuqa minn Peter Paul Degiorgio u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAL 324 li kien misjuq mill-vittma Charlo’ Spiteri li kellu bhala pillion rider lil Marouska Cesare. L-imputat kien gej mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar u sejjer lejn St. Andrews filwaqt li kemm Charlo’ Spiteri kif ukoll Peter Paul Degiorgio kienu qed jipprocedu fid-direzzjoni opposta u cioe’ sejrin lejn San Pawl il-Bahar b’Spiteri qed isuq wara Degiorgio. Mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Valerio Schembri li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Magisterjali li saret dwar dan l-incident (Process Verbal relattiv inserit a fol. 35 tal-atti processwali) jirrizulta li l-incident de quo sehh fil-Coast Road tas-Salina precizament fil-parti tat-triq li qeghda biswit l-imhazen tal-melh li warajhom hemm is-salt pans.

Mill-pjanta imhejjija mill-Perit Valerio Schembri u mill-istess rapport tal-Perit jirrizulta li t-triq fiha zewg kareggjati, wahda ghal vetturi sejrin lejn Bahar ic-Caghaq/St. Andrews li hija wiesgha 4.00 metri u l-ohra ghall-vetturi serjin lejn San Pawl il-Bahar li hija wisgha 4.15 metri. Iz-zewg kareggjati huma mifrusa permezz ta central strip maghmula minn zewg linji bojod kontinwi u longitudinali fuq l-asfalt b'numru ta' faxxex bojod djagonali bejniethom. It-triq hija ghal witgha. Fil-pjanta imhejjija mill-Perit Valerio Schembri il-vetturi nvoluti fl-incident lkoll jidhru fuq il-kareggjata ghal vetturi sejrin lejn San Pawl il-Bahar u ma jidhru ebda sinjali ta' brejk marks jew tyre marks. Mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit (rapport relattiv inserit a fol. 21 et sequitur tal-Process Verbal) jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-imputat kellha hsara estensiva frontali izda jirrizulta wkoll li l-imsemmija vettura ma kellha ebda hsara teknika fuq il-partijiet taghha li jirrigwardaw ir-road holding bhat-tyres u l-isteering u s-sistema tal-isteering kienet ghadha tiffunzjona anki wara l-jncident u t-tyres kienu ghadhom shah u tajbin. Minn ezamijiet li l-istess espert tekniku ghamel fuq il-mutur li kien misjuq minn Charlo' Spiteri huwa wkoll ikkonkluda li l-mutur qabel l-incident kien f'kundizzjoni tajba hafna u kollox kien jiffunzjona sew. Huwa kkonkluda wkoll li l-hsara li kellu l-mutur misjuq minn Charlo' Spiteri kienet talment estensiva li dan il-mutur huwa *beyond economical repair* u l-valur tieghu qabel l-incident kien ta' Lm2,500. Rigward il-hsara fil-vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni DBE 857 li kienet misjuqa minn Peter Paul Degiorgio u li kienet tikkonsisti fi brix fuq l-ispray paint fuq il-bumper ta' wara fuq in-naha tal-lemin u barxa zghira fuq il-mudguard ta' wara tal-istess naha u indicator lense imxaqqa. L-espert tekniku kkonkluda li l-hsara kienet minima u l-ispejjes involuti sabiex tissewwa kienu madwar Lm100.

Ikkunsidrat;

Peter Paul Degiorgio s-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBE 857 xehed kemm quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali kif ukoll f'zewg okkazzjonijiet quddiem din il-Qorti (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 25 sa 27 u a fol. 41 sa 43) fejn

huwa spjega li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DBE 857 gej mid-direzzjoni ta’ St.Andrew’s u sejjer lejn San Pawl il-Bahar. Huwa qal li kellu bhala passiggiera fil-vettura lil Johan Ellul li kien riekeb fis-seat ta’ quddiem, lil Rebecca Casha li kienet riekba fuq wara wara d-driver u lil Daniela Rosso li kienet rieqda fuq wara. Huwa qal li kien qed isuq fuq sajdu u spjega li malli qabez il-Coastline Hotel ra vetura gejja mid-direzzjoni opposta b’velocita’ daqxejn eccesiva u qed taqsam min-naha taghha ghal fuq il-karreggjata tieghu. Huwa qal li xeghel il-bright sabiex jallerta lis-sewwieq ta’ din il-vettura li kien qieghed wrong side izda dan xorta wahda baqa’ gej head on fuq in-naha l-hazina tat-triq u Degiorgio ghalhekk jghid li ddecida li jikser kemm jista’ jkun lejn ix-xellug sabiex jevita din il-vettura izda din il-vettura xorta laqtitu fuq il-gemb ta’ wara tal-lemin. Dan is-sewwieq spjega li huwa kien qed isuq b’velocita’ ta’ madwar 45 kilometru fis-siegha u spjega li malli wasal hdejn il-Maghtab huwa nnota zewg muturi warajh u malli wasal fil-fetha ta’ qabel il-Coastline Hotel huwa tefa’ mal-gemb sabiex il-muturi jkunu jistghu jissorpassawh, wiehed mill-muturi qabzu izda l-iehor baqa’ warajh. Huwa qal li l-vettura tal-marka Renault li kienet gejja mid-direzzjoni opposta fuq in-naha l-hazina tat-triq wara li laqtet lilu baqghet diehla head on fil-mutur li kien qieghed warajh. Huwa qal li ra l-impatt bejn il-vettura u l-mutur mill-mera, ra l-mutur jghola, jinstabat mal-art u jaqa’. Huwa spjega li bl-impatt il-vettura l-ohra spiccat daret bil-quddiem taghha jhares fid-direzzjoni ta‘ San Pawl il-Bahar. Huwa gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq tar-Renault li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa qal li l-impatt bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u l-mutur sehh fuq in-naha tieghu tat-triq u cioe’ fil-karreggjata ghall-vetturi sejrin lejn San Pawl il-Bahar. Huw spjega li li kieku m’effetwax il-manuvra li jersaq lejn ix-xellug l-imputat jien jibqa’ diehel head on fuq il-vetura tieghu.

Johan Ellul (li xehed fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2007 ikkonferma il-verzjoni tal-fatti moghtjia minn Degiorgio u spjega li kien ra l-vettura Renault ta’ kulur ahmar gejja mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar fuq in-naha l-hazina tat-triq, li l-vettura li huwa kien passiggier fiha resqet lejn

ix-xellug sabiex tevita din il-vettura u r-Renault spiccat habtet head on mal-mutur li kien qed isuq warajhom. Dan ix-xhud ikkonfema li l-incident sehh fuq il-karreggjata tal-vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u qal li fl-ebda hin ma ra l-mutur qed jipprova jissorpassahom. Rebecca Casha li kienet il-passiggiera l-ohra riekba wara d-driver fil-vettura misjuqa minn Degiorgio u li xehdet fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2007 qalet li ezatt qabel l-incident hija kienet qed thares lejn il-lemin u rat dawl gej ghal fuq in-naha taghha u daret lura u rat vettura tolqothom fuq in-naha tal-lemin ta' wara u mbaghad tibqa' diehla fuq il-mutur li kien warajhom. Hija qalet li l-vettura li kienet passiggiera hi u li kienet qed tinstaq minn Peter Paul Degiorgio kienet qeghda fuq sajda u spjegat illi l-mutur li ntlaqat kien warajhom u wkoll fuq sajdu.

Marouska Cesare li kienet il-pillion rider fuq il-mutur misjuq mill-vittma Charlo' Spiteri spjegat li dakinhar tal-incident hi u l-gharus taghha Charlo Spiteri kienu ltaqghu mal-hbieb taghom James u t-tfajla tieghu San Giljan bil-mutur rispettivi taghhom u ddecidew li jmorru Bugibba. Waqt li kienu qeghdin fuq il-Coast Road wara xulxin bil-muturi James u t-tfajla tieghu qabzu vettura li kienet quddiemhom izda Charlo' Spiteri baqa' jsuq wara din il-vettura. F'hin minnhom hija tghid li rat dawl qawwi gej ghal wiccha u f'daqqa wahda spiccat mal-art u mbaghad rat lil Charlo' Sptieri wkoll mal-art. Hija tghid li ttiehdet l-Isptar bl-ambulanza fejn giet certifikata li kellha hafna ksur u damet rikoverata sbatax il-gurnata. Hija qalet li ghamlet erba' xhur b'hafna bolts f'saqajha u ghadha b'hadida f'saqajha u marki jidhru f'saqajha.

James Callus li kien il-habib tal-vittma Charlo' Spiteri xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2007 fejn spjega li dakinhar tal-incident huwa kien iltaqa' ma Charlo' Spiteri u Marouska Cesare San Giljan fejn iddecidew li jmorru bil-muturi lejn Bugibba. Huwa kien qed isuq mutur wiehed u kellu bhala pillion rider lil Christine Briffa u Charlo' Spiteri kien qed isuq il-mutur l-iehor kellu bhal pillion rider lil Marouska Cesare. Huwa spjega li meta kienu qed javvicinaw il-Coastline Hotel u Charlo' Spiteri kien qieghed warajh gew wara vettura li kienet qed tinstaq

fl-istess direzzjoni li kienu sejrin fiha huma u huwa issorpassa lil din il-vettura filwaqt li Charlo' Spiteri baqa' warajha. Huwa jghid li malli wasal vicin it-traffic lights ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta li kienet qed tissorpassa tlett vetturi fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa ghalhekk gibed ghal gol-hajt man-naha tax-xellug tieghu u malli waqaf sema' hoss ta' ncident gej minn warajh u ra lil Marouska mal-art u l-mutur misjuq minn Charlo' Spiteri wkoll mal-art bil-mutur fuqu. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura gejja mid-direzzjoni opposta u qal li immedjatament wara l-incident l-istess imputat hareg mill-vettura tieghu u ghaffeg bott tal-birra li kien f'idejh. Christine Briffa xehdet f'dawn il-proceduri fil-11 ta' Jannar 2007 fejn din ikkorroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija minn James Callus u spjegat li rat vettura gejja mid-direzzjoni opposta qed taghmel manuvra ta' sorpass fuq in-naha l-hazina tat-triq.

L-imputat xehed kemm quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti (xhieda relattiva nserita a fol. 113 u 114 tal-Process Verbal kif ukoll quddiem din il-Qorti (xhieda relattiva nserita a fol. 90 et sequitur tal-process). Meta xehed fl-Inkjesta Magistrjali huwa qal li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Renault gej mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u sejjer lejn Tas-Sliema u quddiemu ra mutur qed jaqla karozza, huwa prova jiskapula l-mutur izda dan baqa' diehel fil-windscreen tal-vettura tieghu. L-imputat xehed ukoll li waqt li kien qed jipprova jiskapula l-mutur huwa laqat il-vettura l-ohra xi ftit fuq wara taghha. Huwa sostna li kien qed isuq b'velocita' ta' 30 u 35 mil fis-siegha u qal li ma kienx qed jissorpassa vetturi ghaliex il-vetturi li kien hemm quddiemu kienu l-boghod hafna. Huwa sostna wkoll li kien qed isuq fuq sajdu L-imputat qal li bid-daqqa huwa habat rasu u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Meta xehed quddiem din il-Qorti l-imputat rega' sostna li kien qed isuq fuq sajdu izda qal ukoll li huwa ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta u f'daqqa wahda fegg mutur li ssorpassa lil din il-vettura u mbaghad fegg mutur iehor li wkoll prova jissorpassa lil din il-vettura izda dan baqa' diehel fih. L-imputat qal ukoll li huwa ma kienx laqat lil din il-vettura li giet issorpassata miz-zewg muturi. L-imputat sostna li t-tieni mutur hareg aktar il-barra lejn il-

lemin mill-ewwel mutur u kien ghalhekk li huwa laqtu fil-mudguard tal-lemin tal-vettura tieghu u mbaghad faqalu l-windscreen. Huwa sostna li l-vettura tieghu ma kellhiex hsara fuq ix-xellug taghha u l-anqas fin-nofs tal-bonnet u qal li l-vettura tieghu spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq ghaliex bid-daqqa tqacctitlu r-rota u s-suspension u l-isteering gibdu ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq.  Huwa sostna wkol li kien qed isuq b'velocita' ta' madwar 25 jew 30 mil fis-siegha.

Ikkunsidrat;

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-incident stradali de quo sehh minhabba sewqan perikoluz, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat. Ix-xhieda okulari ta' dan l-incident, u cioe' Peter Paul Degiorgio, Johan Ellul, Rebecca Casha u James Callus llkoll ikkonfermaw li l-imputat kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq meta sehh l-impatt bejn il-vettura tal-imputat u l-mutur misjuq minn Charlo' Spiteri u li l-mutur misjuq minn Charlo' Spiteri kien qed jinstaq fuq il-kareggjata t-tajba, u cioe' dik ghal vetturi sejrin lejn San Pawl il-Bahar u li l-istess mutur ma kienx qed jissorpassa l-vettura misjuqa minn Degiorgio. Fl-iskizz imhejji mill-Perit Valerio Schembri inoltre l-vettura tal-imputat tidher kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa minnu li l-imputat isostni li huwa kien qed isuq fuq sajdu izda l-Qorti apparti l-fatt li m'ghandha ebda raguni il-ghala tiddubita mill-kredibilita' tal-varji xhieda okulari appena citati, tixtieq tirrileva wkoll li kkonstatat varji inkonsistenzi fix-xhieda moghtija mill-imputat liema nkonsistenzi gieghluha tikkonkludi li l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija ma tistghax titwemmen. Ghalkemm l-imputat dejjem sostna li kien qed isuq fuq sajdu, a tempo vergine huwa qal li kien ra mutur wiehed biss qed jissorpassa l-vettura gejja mid-direzzjoni opposta filwaqt li meta xehed quddiem din il-Qorti huwa ndika li kien hemm zewg muturi qed jissorpassaw il-vettura misjuqa minn Degirogio. Meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali inoltre l-imputat ikkonferma li kien laqat il-vettura ta' Degiorgio fuq wara izda imbaghad

meta xehed quddiem din il-Qorti huwa biddel il-verzjoni u qal li qatt ma kien laqat il-vettura ta' Degiorgio u prova jsostni li din il-vettura ma kellha x'taqsam xejn mal-incident u li s-sewiwq kien waqaf aktar il-quddiem minn fejn sehh l-istess incident u rega' lura ghaliex kien habib ta' Spiteri u Callus. F'dan l-istadju jrid jigi rilevat li mill-provi fil-fatt irrizulta li Degiorgio u l-passiggiera li kien hemm fil-vettura tieghu ma kellhom x'jaqsmu xejn ma Spiteri u Callus fis-sens li dawn la kienu maghhom u l-anqas kienu jafuhom, L-imputat inoltre jipprova jsostni li huwa ma kellux hsara f'nofs il-bonnet u lejn ix-xellug izda l-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti ikkonferma li l-vettura tal-imputat kellha hsara frontali estensiva. Il-Qorti jidrilha li mill-assjem tal-provi jirrizulta ampjament u inekwivokabilment li l-imputat ghal xi raguni qabez il-linja medjana tat-triq u kien qed isuq fuq il-kareggjata ghal vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta u spicca sabiex laqat kemm il-vettura misjuqa minn Degiorgio li kien kiser lejn ix-xellug sabiex jiskapulah u mbaghad dahal head on fil-mutur misjuq minn Charlo' Spiteri sabiex b'hekk ikkaguna l-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza fejn spicca sabiex tilef hajtu Charlo' Spiteri u fejn Marouska Cesare spiccat sabiex korrriet gravament u sofriet griehi li gabu l-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond ma jirrizulta mix-xhieda taghha stess kif ukoll mic-certifikat mediku inserit a fol. 14 tal-process u mix-xhieda ta' Dr. Stephen Muscat li xehed fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2007. Manuvra ta' sorpass bhal dik effetwata mill-imputat fejn huwa qabez il-linja medjana tat-triq f'lokalita' insidjuza bhal ma hija l-Coast Road u f'dak il-hin indubbjament tammonta ghal sewqan perikoluz u bla kont u ghal ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Irid ukoll jigi rilevat li mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' Dr. Michael Sammut (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 80 u 81 tal-process) kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Julie Galea li xehdet fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2008, irrizulta li mit-testijiet li saru fuq l-imputat irrizulta li huwa kellu livell ta' alchohol ta' 120 mg ghal kull 100ml ta' demm filwaqt li l-livell ta' alchohol konsentit mill-ligi ghal persuna li tkun qed issuq huwa ta' 80mg per 100ml. Ghalkemm l-imputat ma jistghax jinstab hati li saq taht l-influwenza tal-alchohol stante li ma ngabitx akkuza

ad hoc f'dan is-sens fil-konfronti tieghu l-Qorti xorta wahda jidrilha li dan jammonta ghal ksur tar-regolamenti ghal finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9 li tieghu l-imputat jinsab akkuzat permezz tal-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti jidrilha li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat Shaun Bonello lkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom izda l-ahhar akkuza ser titqies bhala assorbita fl-ewwel akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza hija aktar idoneja minn piena pekunjarja u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja sospiza b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 30, 225, 226(1)(a), 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf hames mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u erbghin ewro centezmu (€1531.45) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------